MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' April, 2003

Talba Numru. 1800/2002

**Capua Palace Limited**

**vs**

**Emanuel u Connie konjugi Bezzina**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Lulju 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm301.64) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' akkomodazzjoni u servizzi medici prestati lill-konvenuta Connie Bezzina, liema somma l-konvenuti gew inutilment interpellati sabiex ihallsu. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' 8% dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv ai termini tal-artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn huma ecceppew li t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda u dan peress li l-ftehim bejn il-partijiet ghall-intervent kirurgiku in kwistjoni kellu jkun ferm anqas bhala prezz minn dak li fil-fatt gew mitluba l-konvenuti.
Illi l-konvenuti inoltre gja' hallsu l-ammont ta' Lm300.00 u dan kif originarjament miftiehem bejn il-partijiet kif ser jirrizulta waqt il-kawza.
Bl-ispejjes.

Sema' x-xhieda ta' Emanuel Bezzina, Connie Bezzina u ta' Alistair Vella. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet jidher li l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti huma ghal kollox fondati u sostenibbli. F-Dicembru tal-1999 il-konvenuti kienu talbu lis-socjeta' attrici ghal stima rigwardanti ntervent kirurgiku li xtaqet taghmel il-konvenuta. Din l-istima nharget (a fol. 17) u l-prezz mitlub mis-socjeta' attrici ghall-intervent kirurgiku u akkomodazzjoni fl-Isptar Capua u servizzi konnessi kienet tammonta ghal Lm310.00. Mix-xhieda tal-konvenut Emanuel Bezzina jirrizulta li wara li nharget l-istima l-partijiet kienu qablu li l-prezz kellu jkun ta' Lm300.00. Wara li sar l-intervent kirurgiku s-socjeta' attrici baghtet kont ta' Lm601.64 ( a fol. 28). Il-konvenuti hallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm300.00 skond kif miftiehem meta nharget l-istima izda rrifjutaw li jeffetwa il-pagament tal-bilanc inkluuz fill-fattura mahruga mis-socjeta' attrici proprju ghaliex dan kien ferm in eccess tal-ammont miftiehem meta nharrget l-istima. Dan il-pagament gie debitament accettat mis-socjeta' attrici.

Illi mix-xhieda ta' Alistair Vella, l-Accounts Manager tas-socjeta' attrici, jirrizultaw tlett fatturi fondamentali li jindikaw li s-socjeta' attrici m'hijiex gustifikata li titlob is-somma ta' Lm301.64, cioe' il-bilanc dovut kond il-fattura minnha mahruga wara li jitnaqsu t-Lm300.00 li thallsu mill-konvenuti. Dawn it-tlett fatturi huma s-segwenti:-

1. Dan ix-xhud ma kienx f-posizzjoni jispjega r-raguni ghalfejn kien hemm diskrepanza daqshekk sostanzjali bejn l-ammont imsemmi fl-istima u dak mitlub fil-fattura.
2. Dan ix-xhud spjega wkoll li l-‘items’ indikati fil-fatturaa kollha kienu nkluzi fl-istima.
3. Alistair Vella qal ukoll li meta sar l-intervent kirurgiku,u waqt li l-konvenuta Connie Bezzina kienet rikoverata l-Isptar “ma nqala’ xejn oltre dak li kien inkluz fl-istima, u cioe’ ma nqalghux cirkostanzi li kienu jimmeritaw li tinbidel din l-istima”. Huwa qal ukoll li ghaddew biss xahrejn bejn id-data li fiha nharget l-istima sad-data li fih inhareg iil-kont finali.

Illi jidher ghalhekk li s-socjeta’ attrici ma kienetx gustifikata li tirdoppja l-ammont indikat fl-istima bhalla l-prezz tas-servizzi rezi minnha lill-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, jichad it-talbiet attrici.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ attrici skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------